MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 26/2001/1

**Meinrad Calleja**

**vs**

**Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**
**PRELIMINARI**
**IR-RIKORS PROMOTORJU**
1. B'rikors ipprezentat mill-appellant quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), wara li ppremetta:
"Illi l-esponent fil-1995 kien akkuzat bit-traffikar tad-droga u ghadda guri fuq din l-akkuza. Dan il-process gie deciz

fl-4 ta' April 2001 fejn l-esponent gie misjub hati u inghata piena ta' hmistax (15) -il sena prigunerija;

Illi dan il-process instema' mill-Qorti Kriminali kif preseduta mill-Imhallef Vincent De Gaetano u l-gurija kif giet maghzula skond il-procedura stipulata;

Illi sussegwentement ghal dik l-akkuza l-esponent u ohrajn gew akkuzati b'attentat ta' qtil;

Illi tali akkuza harget kontra l-esponent fil-15 ta' Mejju 1996 u llum l-espoonent ghadu qieghed jistenna li jsir il-process tieghu li dan l-ahhar gie appuntat ghal Novembru 2001;

Illi l-akkuza ta' komplicita` fl-istess omicidju harget ukoll kontra tlett individwi ohra, u cioe` kontra Ian Farrugia, Carmel Attard u Joseph Fenech;

Illi l-process ta' Ian Farrugia sehh u gie deciz mill-Onorabbli Qorti Kriminali kif preseduta mill-Imhallef Vincent De Gaetano;

Illi l-process ta' Carmel Attard ukoll sehh u gie deciz mill-Onorabbli Qorti Kriminali kif preseduta wkoll mill-Imhallef Vincent De Gaetano;

Illi l-process ta' Joseph Fenech mhux sejjer isehh stante li huwa inghata mahfra presidenzjali minn tlett atti kriminali u cioe` minn serq, traffikar tad-droga u komplicita` fl-istess attentat ta' qtil;

Illi l-ipotesi tal-prosekuzzjoni, kif jidher anke mid-diversi rapporti ippubblikati fil-gazzetti fuq l-opinjoni tal-Prim Ministru u ta' l-Avukat Generali rigward il-kaz in kwistjoni u anke mit-tezi tal-prosekuzzjoni kif murija fil-process ta' Attard u Farrugia, hija wahda li torbot l-akkuza u l-process kontra l-esponent rigward it-traffikar tad-droga ma' l-akkuza u process in ezami relatat ma' l-attentat ta' qtil;

Illi inoltre l-kaz tal-prosekuzzjoni kontra l-esponent jistrieh fuq dik l-istess xhieda migbura fil-process ta' Farrugia u

Attard kif mismugh u deciz mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Imhallef Vincent De Gaetano;

Illi ghalhekk il-Qorti Kriminali kif preseduta mill-Imhallef De Gaetano semghet, evalwat u ffurmat impressjoni mhux biss fuq il-mertu ta’ dik ix-xhieda izda anke fuq il-kredibilita` tax-xhieda migjuba quddiemha fil-processi ta’ Attard u Farrugia;

Illi ghalhekk dik il-Qorti Kriminali semghet, evalwat u ffurmat opinjoni fuq persuni li se jixhdu fuq l-istess fatti fil-process ta’ l-esponent u li fuqhom din il-Qorti kif preseduta diga ffurmat opinjoni jew impressjoni;

Illi inoltre dik il-Qorti Kriminali semghet u ffurmat impressjoni fuq xhieda li semmiet lill-esponent u tefghet htija fuq l-esponent b’mod li din l-istess Qorti issa sejra tmexxi l-processi ta’ l-esponent fuq l-istess xhieda u mertu stante li l-kaz tal-prosekuzzjoni huwa bbazat fuq l-istess xhieda;

Illi dik l-istess Qorti li sejra tmexxi l-process ta’ l-esponent rigward l-akkuza ta’ l-attentat ta’ qtil hija l-istess Qorti li diga` pprocessat lill-esponent ghal reat iehor, izda skond il-prosekuzzjoni konness, u diga` semghet u evalwat ix-xhieda li fuqhom sejjer jistrieh l-kaz kontra l-esponent fil-process in kwistjoni;

Illi in oltre din il-Qorti Kriminali diga ppartecipat fil-process ta’ l-esponent diversi drabi meta hija ezaminat diversi rikorsi rigward il-helsien o meno tieghu minn detenzjoni preventiva u proceduri ohra inkluz ukoll talba ta’ l-esponent ghar-rikuza ta’ l-Imhallef De Gaetano, liema talbiet innecessitaw li din il-Qorti Kriminali tezamina l-mertu kif relatat ma’ dawn it-talbiet;

Illi dawn il-fatti huma ragunijiet legittimi sabiex iqajmu fl-esponent u anke oggettivament f’individwu ordinarju, dubju fuq l-imparzjalita` tal-Qorti u fuq in-necessita` ta’ smiegh xieraq fi kwalunkwe procedura kriminali;

Illi l-kaz ta’ l-esponent inghata *coverage* estensiv fil-media fejn mhux biss gew ppubblikati rapporti ta’ dak li kien qieghed isehh fl-andament tal-process ta’ l-esponent izda inkludew ukoll diversi intervisti ma’ personaggi gholja fil-pajjiz bhall-Prim Ministru u Ministri. Ufficjali tal-Pulizija u l-Avukat Generali li kollha wzaw il-*media* sabiex isostnu l-opinjoni taghhom rigward l-innocenza o meno ta’ l-esponent u sabiex jinfluwenzaw din l-opinjoni fuq l-individwi;

Illi r-rapporti tal-*media* u anke l-intervisti li taw diversi nies li ghandhom karigi gholja fil-pajjiz kollha tefghu htija fuq l-esponent u ezaminaw jew tkellmu mhux biss fuq il-kaz bhala kaz fost ohrajn izda b’mod dirett kemm ghall-proceduri gudizzjarji kif ukoll ghall-esponent bhala individwu b’mod li kollha fihom messagg dirett fuq il-htija ta’ l-esponent;

Illi inoltre l-esponent ukoll sar mira centrali tal-partiti politici fejn anke kien is-suggett f’kampanji politici u huwa gie deskritt bi kliem spregevoli intizi bhala kundanna u dan meta jittiehed fid-dawl tac-cirkostanzi politici ta’ Malta fejn il-politika u dak li jghidu l-kapijiet taz-zewg partiti kbar jeffetwa l-maggoranza tal-poplu li minnu jridu jintaghzlu l-gurati huwa certament ta’ pregudizzju kbir ghall-esponent;

Illi tant l-esponent u l-kaz tieghu gie uzat ghal ghanijiet politici u bi pregudizzju ghalih u ghall-kaz tieghu illi sahansitra huwa kien is-suggett ta’ programm televiziv;

Illi l-esponent jinnota wkoll li l-ippublikar fuq il-kaz tieghu tant kien feroci illi minkejja li l-Qorti Kriminali ex ufficio esprimiet li kienet ser tordna inibizzjoni generali fuq il-pubblikazzjoni, xorta wahda minkejja dan id-digriet huwa baqa’ s-suggett ta’ hafna publikazzjonijiet;

Illi meta dan jitqies fis-sitwazzjoni socjali tal-pajjiz fejn il-politiku u l-politikanti ghandhom poter ta’ influwenza qawwi fuq ic-cittadini, li minnhom sejra tintaghzel il-gurija, dan inaqqas dik il-fiducja li l-kors tal-gustizzja ghandu dejjem izomm f’socjeta` demokratika u li tqajjem dubju fuq l-imparzjalita` tal-process;

Illi ghalhekk l-esponent ghandu ragunijiet oggettivament legittimi u li jinducu lill-individwu ordinarju sabiex jiddubita mill-imparzjalita` rikjesta ghal smiegh xieraq;"

Talab lil dik l-Ewwel Qorti sabiex:

"Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara u tiddeciedi li bil-proceduri fuq premessi u fic-cirkostanzi fuq spjegati qeghdin jigu u sejrin aktarx jigu vjolati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ghal smiegh xieraq quddiem Qorti imparzjali u indipendenti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja (kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u b'hekk taghtih dawk ir-rimedji li jidrilha xierqa u opportuni."

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-INTIMATI</u>**

2. L-intimati wiegbu hekk:

(i) Illi in kwantu li t-talbiet tar-rikorrent huma bazati fuq allegazzjonijiet ta' pubblicita` pre-processwali l-istess talbiet huma manifestament intempestivi ghaliex hu ben risaput u stabbilit li allegazzjoni ta' ksur ta' smiegh xieraq trid tigi ezaminata fil-kuntest tal-process fl-intier tieghu u mhux b'ezami *in vacuo* ta' xi aspett wiehed tal-process kif jirrizulta mill-kazistika kemm tal-Qorti Kostituzzjonali (Formosa vs. Kummissarju tal-Pulizija, 16/04/1973: Spiteri vs. Prim Ministru, 31/08/1977;) kemm ta' l-organi taht il-Konvenzjoni Ewropeja (Kaz Nielsen: 15/03/1986, (1 Yearbook IV (1961). P.494); x VS. Switzerland (D&R 28 (1982), P. 127); Barbera, Messegue and Jabardo, 6/12/1988 (Series A, 146, p31); Kaz Kostoski, 20/11/1989 (Series A 166 p. 19). Fil-kaz *de quo* izda, il-proceduri li fil-konfront taghhom ir-rikorrent jilmenta minn ksur jew ksur potenzjali ghadhom pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

(ii) Illi inoltre, in kwantu l-istess talbiet huma bazati kif inghad fil-paragrafu 1 ta' din ir-risposta, din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-kompetenza kostituzzjonali taghha ghat-tenur tal-proviso tas-subinciz (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u s-subinciz (2) ta' l-

Artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319) peress li r-rikorrent ma ezawrix ir-rimedji ordinarji ghad-dispozizzjoni tieghu. Di fatti l-proceduri kontra r-rikorrent ghadhom ma gewx konkljuzi u ghad hemm il-possibilita` ta' appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali mill-verdett u sentenza tal-Qorti Kriminali.

(iii) Illi fil-mertu, ghandu immedjatament jigi rilevat li ma hux assolutament minnu li l-process relattiv gie appuntat ghal Novembru "dan l-ahhar" kif jinghad fir-raba' paragrafu tar-rikors promotur tal-gudizzju. Di fatti l-guri in kwistjoni gie appuntat zmien twil ilu ghad-data msemmija bi qbil bejn il-prosekuzzjni u d-difiza. Il-proceduri odjerni ftit granet qabel id-data tas-smiegh tal-guri jikkostitwixxu abbuz tal-process gudizzjarju peress li huma msejsa fuq fatti li ilhom a konoxxenza tar-rikorrent is-snin izda dan ghazel li jgib 'il quddiem l-ilmenti tieghu proprju fl-ahhar granet qabel kellu jibda s-smiegh tal-guri meta gia` gew mharrka ghall-guri numru konsiderevoli ta' xhieda u ta' persuni biex iservu ta' gurati u l-iskeda tal-qorti giet imblokkata ghal zmien xieraq biex taghmel wisa' ghas-smiegh ta' l-istess guri. Biss biss, ir-rikorrent ssolleva l-eccezzjoni ta' rekuza ta' l-Onor. Imhallef li qieghed jippresjedi l-proceduri kriminali relevanti liema eccezzjoni giet finalment deciza u respint mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali mhux "dan l-ahhar" izda sahansitra fil-25 ta' Jannar, 2001 u cioe` disa' xhur ilu! L-agir tar-rikorrent huwa oltragg ghall-amministrazzjoni retta tal-gustizzja u ghandu jigi fi kwalunkwe kaz censuat bhala tali.

(iv) In kwantu ghall-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' imparzjalita` oggettiva tal-Qorti Kriminali in kwantu apparentement bazata fuq in-nuqqas ta' imparzjalita` oggettiva ta' l-Onor. Imhallef V. De Gaetano li qieghed jippresjedi l-istess proceduri r-rikorrent ghal darb'ohra, bhal meta ssolleva l-eccezzjoni ta' rekuza fil-proceduri kriminali, ma jinvoka xejn in sostenn ta' l-allegazzjoni tieghu hlief sensiela ta' kongetturi, spekulazzjonijiet u asserzjonijiet gratuwiti u generici. Dwar dan l-atteggjament tar-rikorrent il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha tal-25 ta' Jannar, 2001 mill-ewwel ghamlitha cjara li fis-sistema tal-guri taghna x'jahseb l-

Onor. Imhallef li jkun qed jippresjedi l-guri ftit li xejn ghandu rilevanza, jew importanza u dan ghaliex l-apprezzament ta' l-attendibilita` ta' dak depost mix-xhieda huwa riservat ghall-gurija popolari. Izda mbaghad kompliet tesprimi ruhha kif gej:

"Pero`, aktar minn dan, dak li serjament jiddisturba lil din il-Qorti huwa l-mod kif bl-iktar mod generiku, minghajr ma almenu hemm indikazzjoni wahda zghira kemm hi zghira li tista' b'xi mod tikkomprometti l-imparzjalita` jew l-indipendenza tal-hsieb ta' l-Onorevoli Imhallef De Gaetano, jigi asserit gratwitament illi huwa, fil-kors tal-guri kontra Ian Farrugia <u>certament</u> ifforma opinjoni u gudizzju dwar dak li kienu xehdu Joseph Fenech u l-Onorevoli Prim Ministru Eddie Fenech Adami partikolarment u li dan <u>bil-fors</u> joskuralu mohhu b'mod li ma jistax ikun imparzjali f'dan il-kaz odjern ghax diga` jaf x'ser jixhdu l-imsemmija xhieda!" (sottolinear u esklamazzjoni tal-Qorti)."

(v) Is-silta fuq citata hija bicca zghira mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fir-rigward ghaliex tghid hafna aktar minn hekk u ccensurat enfatikament l-attegjament tar-rikorrent. Izda r-rikorrent fir-rikors odjern jibqa' jippersisti fl-istess atteggjament. F'dan ir-rigward ma humiex assolutament bizzejjed il-percezzjonijiet ta' l-akkuzat izda dak li hu determinanti hu jekk jezistux cirkostanzi oggettivi li jirrendu dawk il-percezzjonijiet gustifikati. Ir-rikorrent ma jindika ebda tali cirkostanzi oggettivi u jippretendi li l-Qorti ghandha toqghod biss fuq il-kongetturi u konkluzjonijiet bla bazi tieghu.

(vi) In kwantu li r-rikorrent jipprova jirravviza tali cirkostanzi oggettivi fil-fatt li l-Onor. Imhallef li qieghed jippresjedi l-proceduri kriminali fil-kors tal-proceduri ezamina diversi rikorsi rigward il-helsien o meno tieghu minn detenzjoni preventiva, il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ripetutament irriteniet li l-fatt li Imhallef jiehu decizjonijiet pre-processwali fil-kaz ma jistax jittiehed bhala fih innifsu sufficjenti biex jiggustifika xi bizghat ta' l-akkuzat dwar l-imparzjalita` tieghu. Di fatti l-posizzjoni ahharija taht il-Konvenzjoni Ewropeja hija li biex decizjonijiet pre-processwali jistghu jaghtu lok ghall-

apprensoni dwar l-imparzjalita` tal-gudikant dawk id-decizjonijiet iridu jkunu tali li jinvolvu apprezzament, u mhux *prima facie*, dwar il-htija ta' l-akkuzat ghar-reati addebitati lilu. Fid-decizjoni taghha tal-15 ta' Gunju, 2000 fil-KAZ PULLICINO il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem addirittura rriteniet li l-fatt li l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien precedentement rrevoka l-liberta` provvizorja ta' l-akkuzat kif ukoll il-fatt li kontra l-oppozizzjoni ta' l-akkuzat l-istess Onor. Imhallef kien ammetta numru ta' xhieda li ma kienux precedentement dikjarati mill-prosekuzzjoni ma kienux bizzejjed biex jaghtu lok ghal xi bizghat ta' l-akkuzat dwar l-imparzjalita` ta' l-Imhallef. Ir-rikorrent jallega, bhas-soltu gratuwitament, li d-decizjonijiet pre-processwali ta' l-Onor. Imhallef De Gaetano dwar il-liberta` provvizorja u dwar ir-rekuza "innecessitaw" li l-Qorti Kriminali tezamina l-mertu kif relatat mat-talbiet. Dan minn imkien ma jirrizulta. U anki kieku jirrizulta, ma hux sufficjenti. Li tezamina hi haga li tiddeciedi hi hag' ohra.

(vii) In kwantu ghall-allegata pubblicita` pre-processwali, jekk jista' jinghad li kien hemm tali pubblicita` din se mai kienet tali li tfittex li tiskredita xhieda tal-prosekuzzjoni a vantagg ta' l-akkuzat u mhux il-kuntrarju. Il-pubblicita` li qieghed jallega r-rikorrent trid tigi pruvata minnu. Izda fi kwalunkwe kaz ma hux bizzejjed li jkun hemm il-perikolu ghal smiegh xieraq. Il-pubblicita` anki ta' processi kriminali hu element necessarju kostituzzjonalment. Hu certament mistenni li processi bhal dawn li ghandhom element ta' interess pubbliku qawwi jircievu pubblicita` u jaghtu lok ghal diskussjoni pubblika u anki ta' natura politika forsi aktar minn processi ohra. Dan ma hux bizzejjed biex jammonta jew johloq perikolu ta' nuqqas ta' smiegh xieraq. X'impatt jista' jkollha tali pubblicita`, jekk tkun tezisti, fuq il-*fairness* tal-process irid necessarjament jigi ezaminat fid-dawl tal-kondotta tal-process fl-intier tieghu u ghalhekk ghal dan l-aspett japplika dak sottomess fil-paragrafi 1 u 2 *supra*. Direttiva apposite lill-gurija mill-Qorti Kriminali fil-mument opportun ghandha tkun bizzejjed biex tassigura li l-gurija ma thallix lilha nnifisha tigi influwenzata b'xi pubblicita` li l-kaz seta' inghata precedentement. Di fatti, fil-**KAZ PULLICINO** fejn

ukoll giet allegata pubblicita` avversa pre-processwali l-fatt li l-Qorti Kriminali kienet tat direttiva apposite lill-gurija fir-rigward ta' tali pubblicita` kienet cirkostanza li l-Qorti Ewropea kkunsidrat bhala importanti fid-determinazzjoni taghha jekk kienx hemm ksur ta' l-artikolu 6 u fil-fatt sabet li ma kienx hemm tali ksur.

Ghaldaqstant, fermi s-sottomissjonijiet maghmula fil-paragrafi 1 u 2 ta' din ir-risposta, it-talbiet tar-rikorrent ghandhom fi kwalunkwe kaz jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.
Salvi sottomissjoniet ulterjuri.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**
3. B'sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjoniali) fl-20 ta' Jannar 2003, din l-Qorti ddecidiet
"billi tiddikjara li ma jirrizultax li bil-proceduri kriminali inkwestjoni li qed jittiehdu kontra r-rikorrenti qeghdin jigu u sejrin aktarx jigu vjolati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent kif sanciti fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u ta' l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrenti qed jigu michuda;"

**<u>L-APPELL TAR-RIKORRENT MEINRAD CALLEJA</u>**
4. Ir-rikorrent hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni u ghalhekk interpona appell minnha ghal quddiem il-Qorti Kostituzzjonali bhala l-Qorti ta' l-appell kompetenti fuq l-aggravji segwenti:

Fid-decizjoni taghha l-Ewwel Qorti iddecidiet a bazi li "F'dan l-istadju ghandu jinghad li generalment ilment li jirrigwarda dawn il-provvedimenti ghandu jigi ezaminat fil-konfront ta' proceduri kriminali li jkunu gew decizi finalment u mhux, kif qed isir hawnhekk, meta ghadu lanqas gie celebrat il-guri;". L-appellant jissottometti illi fir-rigward ta' l-allegata imparzjalita` oggettiva fil-konfront ta' l-Imhallef inkarigat bit-tmexxija tal-guri ta' l-esponent, dan il-principju dettat mill-Ewwel Qorti ma huwiex applikabbli u lanqas ma huwa principju assolut. Wiehed jista' jirriferi ghal diversi proceduri ezaminati mill-Qorti Ewropeja a bazi

ta’ Artikolu 6, fejn allegazzjoni ta’ vjolazzjoni ta’ dan l-istess artikolu giet ezaminata minkejja li l-proceduri ma kienux gia` sehhew.

In oltre l-appellant jissottometti illi fil-konfront ta’ l-allegata imparzjalita` fir-rigward ta’ l-Imhallef sedenti din l-allegazzjoni hija bbazata fuq fatti li gia` sehhew u ghalhekk l-imparzjalita` hawn allegata hija wahda attwali u li tista’ tigi ezaminata u kkunsidrata. Dan ghaliex l-esponent qieghed jallega imparzjalita` a bazi ta’ fatti u cirkostanzi li gia` sehhew f’diversi proceduri u istanzi tal-proceduri migjuba kontra tieghu. Inoltre huwa principju ben stabbilit li wiehed ma ghandux ghalfejn jipprova l-attwalita` ta’ l-imparzjalita` fil-gudikant imma huwa bizzejjed li wiehed juri li c-cirkostanzi jkunu tali li wiehed ikollu raguni bizzejjed li jahseb jew jibza li l-gudikant ma jkunx imparzjali fil-konfront tieghu. B’hekk tali imparzjalita` hija bbazata fuq il-fatti li sejrin jissemmew fil-paragrafu li jmiss.

5. i) Illi fir-rigward ta’ l-akkuza ta’ attentat ta’ omicidju l-Imhallef sedenti l-guri gia` mexxa, bir-rispett kollu, diversi gurijiet rigwardanti l-istess fatti kontra dawk akkuzati bil-komplicita` fis-sehh ta’ dan l-attentat. Fil-pendenza ta’ dawn il-gurijiet l-istess Imhallef mexxa s-smiegh tal-provi li ngiebu kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza, ilkoll provi u xhieda relatati ma’ l-istess fatti fuq liema l-esponent qieghed jigi akkuzat. Fis-smiegh u tmexxija ta’ dawk il-proceduri, l-Imhallef mhux biss sema’ izda anke kien jinkombi fuqu li jiehu decizjonijiet fir-rigward tax-xhieda li nstemghu f’dawk il-proceduri b’tali mod illi kellu jifforma opinjoni fuq l-attitudni, il-komportament u l-veracita` o meno ta’ dawk ix-xhieda. Anke mill-indirizz li l-istess imhallef ghamel sabiex jidderiegi l-gurati, jidher illi l-Onorevoli Imhallef kellu bil-fors jaghmel evalwazzjoni tal-provi u tax-xhieda moghtija.

L-appellant isostni illi n-natura ta’ dawn il-gurijiet kienet wahda marbuta u dipendenti fuq l-akkuza li harget kontra tieghu. U jissottometti bir-rispett illi l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta ddecidiet illi “<u>Ir-rikorrent stess irrileva li dawn il-gurijiet kienu kompletament differenti fin-natura</u>

taghhom u kellhom ukoll esitu differenti, tant li wiehed mill-akkuzati eventwalment gie liberat;" (enfazi ta' l-esponent) Fil-fatt l-esponent huwa konvint mill-kuntrarju u cioe` huwa konvint illi n-natura ta' dawn il-proceduri mehuda kontra dawk akkuzati b'komplicita` fl-istess reat li huwa qieghed jigi akkuzat huwa simili u dipendenti fuq il-bazi ta' l-akkuza li l-istess prosekuzzjoni gabet kontra l-espnent, b'tali mod li dawk il-persuni kienu akkuzati b'komplicita` f'reat li skond il-prosekuzzjoni mexxa u sar fuq id-direzzjoni ta' l-esponent. Tant huma dipendenti u l-istess fin-natura taghhom dawn il-proceduri mal-proceduri li qeghdin jingiebu kontra l-esponent li t-tezi ta' l-istess prosekuzzjoni fil-konfront kemm ta' komplici kif ukoll ta' l-esponent, hija tezi wahda u unika u cioe` li filwaqt li l-individwi l-ohra kienu komplici fit-twettiq ta' dak l-allegat attentat, l-esponent huwa skond il-prosekuzzjoni l-mohh wara dak l-istess allegat attentat. Fil-konfront ta' tali tezi, u din it-tezi hija wahda li l-Ewwel Qorti setghet facilment issib fil-atti tal-proceduri ta' dawk l-istess komplici u anke fis-sottomissjonijiet maghmula mill-intimati fil-proceduri quddiemha u inoltre tali tezi tal-prosekuzzjoni tohrog bhala ovvja mill-akkuzi li ngiebu kontra l-esponent u kontra dawk akkuzati b'komplicita`, l-esponent jissottometti bir-rispett illi tant hemm ness qawwija bejn il-proceduri, li jinkludu necessarjament l-istess fatti u l-istess xhieda illi dan jinpingi fuq l-imparzjalita` oggettiva rikjest mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja. In oltre l-esponent jissottometti bir-rispett illi tali fatti gia` sehhew u li l-Ewwel Qorti kienet skorretta li tiddeciedi illi r-rekwizit ta' l-imparzjalita` ghadu ma giex vjolat billi skond l-istess Onorabbli Qorti il-guri ghadu ma sehhx.

ii) In oltre l-esponent fl-allegazzjoni tieghu fil-konfront ta' l-imparzjalita` fir-rigward ta' l-Onorevoli Imhallef, jirreferi anke ghal dawk il-proceduri preliminari, li inkludew mhux biss proceduri fejn l-esponent gie mcahhad mil-liberta` provizorja izda jinkludu wkoll proceduri fejn l-Imhallef iddecieda u mexxa l-proceduri fuq eccezzjonijiet preliminari u fuq rikuza maghmula mill-esponent kontra l-istess Imhallef. Illi fil-pendenza ta' tali proceduri l-Onorevoli Imhallef ghalkemm ma humiex proceduri li jirrikjedu li huwa jidhol fil-mertu tal-htija o meno ta' l-istess

esponent, pero` irrikjedew illi l-istess Onorevoli Imhallef jevalwa provi tal-prosekuzzjoni u formazzjoni ta’ opinjoni fuq l-esponent tali li waslu lill-istess Imhallef sabiex fil-proceduri ghal-liberta` provizorja jiddeciedi illi:

“Din il-Qorti, wara li kkunsidrat dak kollu aktar ‘l fuq imsemmi, mhix sodisfatta illi ma hemmx perikolu illi r-rikorrent jekk jigi mehlus mill-arrest ma jinterferixxix jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b’xi mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja l-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu f’dan il-kaz, u ghalhekk tichad it-talba kontenuta fir-rikors imsemmi.”

Skond l-istess decizjoni moghtija mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Onorevoli Imhallef li ser jippresjedi l-guri, dik il-Qorti waslet ghal tali konkluzjoni wara li kkunsidrat “ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u b’mod partikolari n-natura u l-gravita` tar-reat li bih ir-rikorrent jinsab akkuzat kif ukoll in-natura tal-provi tal-prosekuzzjoni;”. L-esponent jissottometti illi l-Onorevoli Imhallef meta ikkunsidra n-natura tal-provi tal-prosekuzzjoni kontra tieghu dan innecessita formazzjoni ta’ opinjoni fuq tali provi fil-konfront ta’ l-esponent u opinjoni fuq il-karattru u l-personalita` ta’ l-esponent. Dawn l-istess konsiderazzjonijiet iridu jsiru mill-Onorevoli Imhallef meta jigi sabiex jidderiegi lill-gurati u meta jiddelibera fuq il-piena misthoqqa.

iii) Illi l-istess Imhallef gia` mexxa proceduri ta’ guri kontra l-esponent u f’dawk il-proceduri ddelibera u ddecieda fuq il-piena li l-esponent kellu jinghata. Illi fil-Ligi Kriminali ta’ Malta, meta Imhallef huwa mitlub jiddelibera fuq piena, huwa rikjest illi jaghti dik il-piena li jippretendi gusta meta jiehu in konsiderazzjoni l-provi u x-xhieda migjuba quddiemu fil-proceduri ta’ l-istess guri. B’hekk dak l-Imhallef irid jifforma mill-anqas impressjoni u opinjoni fuq dawk il-provi u xhieda u anke fuq l-akkuzat stess. Hija dik il-konvinzjoni u opinjoni li tali Imhallef jifforma fuq il-provi migjuba kontra l-akkuzat u fuq l-akkuzat stess illi dak l-Imhallef ikun jista’ jiddeciedi fuq il-piena misthoqqa fil-parametri ta’ modalita` li tippermettilu l-ligi. B’hekk hija biss lil-konvinciment u l-opinjoni li jifforma tali Imhallef li

jgeghlu jaghti l-piena massima jew minima fil-parametri stabbiliti mil-ligi. Tali funzjoni li gia` qeghda l-Imhallef in kwistjoni, timpingi fuq ir-rekwizit ta' imparzjalita` oggettiva rikjesti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja u li tali bazi kontra imparzjalita` gusta u xierqa gia` sehhet u tista' tigi ezaminata a bazi ta' l-atti tal-proceduri li gia` sehhew.

L-appellant jissottometti illi mhux talli kull wiehed mill-fatti msemmija jimpingi fuq ir-rekwizit ta' l-imparzjalita`, izda meta wiehed jikkunsidra dawn il-fatti kollha kif fuq sottomessi dawn fit-totalita` taghhom juru pregudizzju attwali kontra l-esponent, pregudizzju ibbazat fuq fatti u cirkostanzi li gia` sehhew. Illi tali pregudizzju attwali qieghed jigi soffert minnu issa u ghalhekk huwa qieghed iressaq it-talbiet tieghu. In oltre l-esponent jissottometti illi ma inaghtatlu l-ebda garanzija sufficjenti sabiex jeskludu dubju legittimu li huwa ser jigi gudikat b'mod imparzjali.

Illi fil-konsiderazzjoni ta' l-allegata imparzjalita`, l-Ewwel Qorti kienet tenuta tikkunsidra anke l-opinjoni tieghu fir-rigward ta' tali imparzjalita`. Skond il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tali konvinzjoni anke jekk mhix wahda deciziva hija ferm importanti u li din issir deciziva hekk kif tali biza fl-akkuzat tinstab oggettivament gustifikata. L-esponent jissottometti illi l-provi migjuba minnu fir-rigward ta' tali imparzjalita` u li jikkonsistu b'mod partikolari fl-atti tal-procduri kriminali kollha li gia` issemmew aktar 'l fuq tali konvizjoni hija bbazata fuq gustifikazzjoni oggettiva. In oltre, fil-kaz ta' imparzjalita` oggettiva dak li l-Qorti trid issib huwa dubju legittimu ta' pregudizzju attwali u mhux prova certa u konkreta ta' pregudizzju attwali.

6. L-esponent qieghed ukoll jinterponi dan l-appell mid-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-pubblicita` pregudizzjali li saret fil-konfront tieghu u jissottometti bir-rispett illi fil-kaz tieghu din trid anke tigi kkunsidrata fid-dawl ta' l-allegazzjoni li qieghed jissottometti fuq l-imparzjalita` ta' l-Onorevoli Imhallef. Dan ghaliex jekk wiehed jikkunsidra l-pregudizzju li nholoq fil-konfront ta' l-esponent bil-pubblicita` eccessiva minghajr ma jikkunsidra wkoll l-ilment tieghu fir-rigward ta' l-Onorevoli Imhallef,

jasal ghall-konkluzjoni skorretta illi tali pregudizzju jista` jingieb fix-xejn bid-direzzjoni li tali Imhallef jista' jaghti. Izda meta qieghed jigi allegat mill-esponent illi dak l-istess imhallef huwa milqut b'imparzjalita' oggettiva, tali direzzjoni ma tistax tkun ikkunsidrata bhala wahda protettiva tad-drittijiet fondamentali tieghu.

Illi tali pregudizzju irid jigi kkunsidrat ukoll fid-dawl tal-prezunzjoni ta' l-innocenza, principju fundamentali ghad-dritt ta' smiegh xieraq. B'hekk l-esponent jissottometti illi l-pubblicita` negattiva moghtija lilu gabet sitwazzjoni fejn huwa gia` gie muri bhala hati mhux biss mill-gurnali izda anke minn persuni li jzommu karigi gholja fil-pajjiz u li ghandhom influwenza qawwija fuq il-persuni li minn fosthom trid tinghazel il-gurija. Ikunu min ikunu l-membri tal-gurija tali pubblicita` tant kienet eccessiva illi waslet sabiex tinfluwenza lil kull cittadini Malti, minhabbli li tali pubblicita` saret b'ghan politiku u anke kienet suggett ta' propoganda politika matul programmi politici tal-partiti.

Ghaldaqstant l-appellant talab lil dina l-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ta' l-20 ta' Jannar 2003 u joghgobha tilqa' t-talbiet tieghu maghmula fir-rikors promotorju billi tiddikjara u tiddeciedi li bil-proceduri fuq premessi u fic-cirkostanzi fuq spjegati qeghdin jigu u sejrin aktarx jigu vjolati id-drittijiet fondamentali tar-rikorrent ghal smiegh xieraq quddiem Qorti imparzjali u indipendenti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u b'hekk taghti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni.

**IR-RISPOSTA TA' L-AVUKAT GENERALI U KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA GHAR-RIKORS TA' L-APPELL TA' MEINRAD CALLEJA FIL-KAWZA FL-ISMIJIET PREMESSI**

7. L-appellati wiegbu hekk:

Illi s-sentenza appellata tal-Prim Awla tal-Qorti Civili ta' l-20 ta' Jannar, 2003 fil-kawza fl-ismijiet premessi hi gusta u ghandha tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellant.

Illi ma hemm xejn sostanzjalment gdid fis-sottomissjonijiet tar-rikorrent fir-rikors ta’ l-appell tieghu u risposta ghalihom gia` tinsab fil-motivazzjonijiet tas-sentenza appellata u fir-risposta ta’ l-esponenti ghar-rikors promotur tal-gudizzju, liema risposta giet estensivament riprodotta fir-rikors ta’ appell ta’ l-appellant, kif ukoll fin-nota risponsiva ta’ l-esponenti b’risposta ghan-nota ta’ l-osservazzjonijiet ta’ Meinrad Calleja tas-26 ta’ April, 2002 u ghalhekk, a skans ta’ ripetizzjoni, l-esponenti jaghmel piena riferenza ghall-istess atti imsemmija tal-process.

Bizzejjed hawnhekk jinghad li ghal darb’ohra s-sottomissjonijiet ta’ l-appellant huma msejsin fuq kongetturi u spekulazzjoni bla ebda hjiel ta’ fondament f’xi prova prodotta.  Dan gara tul it-tappi kollha tal-process fuq din il-materja ibda mis-sottomissjonijiet li saru fil-Qorti Kriminali meta giet sollevata r-rekuza ta’ l-Onor Imhallef li jippresjedi l-proceduri kriminali.  Din ir-rekuza saret hafna zmien wara li graw l-incidenti li fuqhom issa qieghed jipprova jistrieh l-appellant bhala li suppost jimmanifestaw in-nuqqas ta’ imparzjalita` oggettiva ta’ l-istess Onor. Imhallef.  Dan huwa sufficjenti biex juri li din l-iskoperta ta’ bazi fin-nuqqas ta’ imparzjalita` ta’ l-Onor. Imhallef li jippresjedi l-proceduri kriminali hi biss “*afterthought*” u trovata tardiva sabiex ir-rikorrent ikompli jintralcja l-prosegwiment tal-guri.  Dan jirrizulta wkoll mill-fatt li r-rikorrent ppropona r-rikors kostituzzjonali promotur ta’ dan il-gudizzju proprju ftit qabel ma kellu jibda l-guri u dan meta l-eccezzjoni tar-rekuza kienet ilha li giet respinta finalment mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali sa mill-25 ta’ Jannar, 2001 u cioe` disa’ xhur shah qabel.  L-istess stil tkompla fis-sede ta’ appell quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali li bis-sentenza taghha tal-25 ta’ Jannar, 2001 uriet kemm ma hemm ebda nuqqas ta’ imparzjalita` fl-istess Onor. Imhallef billi cahdet l-appell tar-rikorrent, ikkonfermat is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti li cahdet ir-rekuza, u sahansitra ghaddiet biex ticcensura lill-appellant ghall-mod

“kif bl-iktar mod generiku, minghajr ma almenu hemm indikazzjoni wahda zghira kemm hi zghira li tista’ b’xi mod

tikkomprometti l-imparzjalita` jew l-indipendenza tal-hsieb ta' l-Onorevoli Imhallef De Gaetano, jigi asserit gratwitament illi huwa, fil-kors tal-guri kontra Ian Farrugia, <u>certament</u> ifforma opinjoni u gudizzju dwar dak li kienu xehdu Joseph Fenech u l-Onorevoli Prim Ministru Eddie Fenech Adami partikolarment u li dan <u>bil-fors</u> joskuralu mohhu b'mod li ma jistax ikun imparzjali f'dan il-kaz odjern ghax diga` jaf x'ser jixhdu l-imsemmija xhieda!" (sottolinear tal-Qorti)

Il-premess nonostanti, r-rikorrent jippersisti f'din il-linja ta' hsieb msejjes fuq spekulazzjoni u kongetturi kemm quddiem l-ewwel Qorti Prim Awla kif ukoll fir-rikors ta' appell tieghu li hu mizghud b'sottomissjonijiet dwar x'suppost haseb l-Onor. Imhallef impunjat dwar ir-rikorrent, x'opinjoni suppost ifforma dwaru, u sahansitra x'suppost kien il-process tal-hsieb ta' l-Imhallef biex jasal jiehu certi decizjonijiet izda dan minghajr ma jindika xi prova konkreta wahda ta' dak li jistqarr gratuwitament.

Illi in kwantu ghall-allegata pubblicita` prgudizzjali, kif ben tajjeb rilevat anki fis-sentenza appellata, hawnhekk certament ma jista' jigi indikat ebda hjiel ta' nuqqas ta' imparzjalita` soggettiva u wisq anqas ta' xi nuqqas ta' imparzjalita` oggettiva fil-gurija li ghadha anqas biss giet formata u ghalhekk anqas biss huma maghrufa l-persuni li ser jikkomponuha. Ghalhekk, ghal darb' ohra r-rikorrent ghas-soliti formoli ta' "bil-fors gara hekk" biex jissostitwixxi l-karenza ta' provi. Bilfors il-pubblicita` li jallega kien hemm "waslet sabiex tinfluwenza lil kull cittadin Malti". Dan hu hekk ghaliex ir-rikorrent jghid li hu hekk; anki jekk l-ezempji ta' l-allegata pubblicita` li jaghti r-rikorrent avveraw ruhhom snin ilu. Sahansitra r-rikorrent jasal biex jissottometti li bizzejjed l-opinjoni mistqarra tieghu sabiex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li allura l-Imhallef hu necessarjament nieqes mill-imparzjalita`. Mentri dak li trid issib il-Qorti mhux "dubju legittimu ta' pregudizzju attwali" izda nuqqas ta' imparzjalita` oggettiva <u>provata</u> u mhux semplicement <u>asserita</u>. Ebda tali prova ma saret.

Ghaldaqstant u ghal ragunijiet ohra li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-appell tar-rikorrent appellant

ghandu jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

## KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

8. Minn dak illi jirrizulta mir-rikors promotorju li gie riportat estinsivament aktar 'il fuq, l-appellant rikorrent qieghed jillamenta mill-fatt li skond hu, bil-mod kif qeghdin jigu kondotti l-proceduri kriminali pendenti kontrih quddiem il-Qorti Kriminali kif presjeduta fuq akkuzi ta' tentattiv ta' qtil ta' Richard Cachia Caruana, kif ukoll minhabba dak li ntqal u gie ppubblikat fil-konfront tieghu tal-medja in konnessjoni ma' l-istess proceduri, kienu qeghdin jigu vjolati d-drittijiet fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq quddiem Qorti indipendenti u imparzjali u dana bi ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta), kif ukoll ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

9. Fir-rigward ta' l-allegat ksur f'dik li hija imparzjalita` oggettiva ta' l-Imhallef li qieghed jippresjedi fil-guri, l-appellant jadduci aggravju kontra dak li gie deciz mill-Prim Awla tal-Qorti Civili billi huwa ma jaqbilx meta din qalet li ilment ta' din ix-xorta "Generalment …. ghandu jigi ezaminat fil-konfront ta' proceduri kriminali li jkunu gew decizi finalment". Skond l-appellant, il-Qorti Ewropea ta' Strasbourg kellha gja` l-okkazzjoni li tezamina wkoll kazi ta' allegat ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni "minkejja li l-proceduri ma kienux gja` sehhew". Minbarra dan, hemm ukoll fatti u cirkostanzi li gia` sehhew li jikkostitwixxu ksur. L-appellant ma ghandux ghalfejn jipprova l-attwalita` ta' nuqqas ta' imparzjalita` fil-gudikant. Ikun bizzejjed li jintwera li c-cirkostanzi huma tali li wiehed ikollu raguni tajba u bizzejjed illi jahseb jew jibza li l-gudikant ma jkunx imparzjali fil-konfront tieghu.

10. L-appellant isemmi diversi ezempji ta' fatt. Semma li l-Imhallef in kwistjoni gja` mexxa diversi gurijiet ohrajn "dwar l-istess fatti kontra dawk akkuzati bil-komplicita` fis-sehh ta' dan l-attentat (sic)". Biex ghamel dan, l-Imhallef de quo kellu jisma` u jevalwa x-xhieda moghtija, jikkonduci l-proceduri u jiddeciedi dwarhom. Bil-maqlub

ta’ dak li kkostatat l-ewwel Qorti, l-akkuzi dedotti kontrih huma simili u dipendenti fuq il-bazi ta’ l-akkuza li l-istess prosekuzzjoni gabet kontrih. Skond il-prosekuzzjoni, huwa kien “il-mohh” wara dan id-delitt kontra Cachia Caruana, b’dana li n-ness “bejn dawn il-proceduri” hu wiehed qawwi u evidenti.

11. L-appellant jirreferi wkoll ghall-“proceduri preliminari” li kienu jkopru provvedimenti dwar cahda tal-liberta` provizorja, decizjonijiet dwar eccezzjonijiet preliminari inkluz wahda dwar ir-rikuza o meno tieghu. Dawn kienu decizjonijiet li minhabba fihom l-istess Imhallef kellu “jevalwa l-provi tal-prosekuzzjoni u (jghaddi ghal) formazzjoni ta’ opinjoni fuq l-esponent”. L-istess konsiderazzjonijiet iridu jigu kkonsidrati mill-gdid mill-istess Imhallef kemm-il darba jkun hu li jmexxi dan il-guri u jigi biex jidderiegi lill-gurati u meta jiddelibera fuq il-piena misthoqqa. Biex jaghtih u jiffissa piena, l-Imhallef jinhtieglu li qabel illum lahqaq grad ta’ “konvincement” kif ukoll ifforma opinjoni. Dan l-operat kollu jimpingi fuq ir-rekwizit ta’ imparzjalita` oggettiva. Anzi meta jiehu l-assjem tal-fatti “fit-totalita` taghhom juri pregudizzju attwali kontra l-esponent”.

12. Skond l-appellant, fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, l-ewwel Qorti messha hadet kont ukoll tal-fehma ta’ l-appellant dwar tali imparzjalita`. Anke jekk mhux fattur deciziv, dana l-aspett jibqa` wiehed importanti ghaliex tali fehma tista’ “issir deciziva hekk kif tali biza” fl-akkuzat tinstab oggettivament gustifikata. Mill-fatti rigwardanti l-proceduri kriminali li sehhew u dawk pendenti, il-konvinzjoni ta’ l-appellant li huwa m’huwiex ser jigi ggudikat b’mod imparzjali hija kwindi bbazata fuq gustifikazzjoni oggettiva. Dak li l-Qorti “trid issib huwa dubju legittimu ta’ pregudizzju attwali u mhux prova certa u konkreta ta’ preguzzju attwali.”

13. Il-kontroparti appellata, fir-rigward ta’ l-ewwel aggravju kif fuq succintement elaborat, taghmel pjena riferenza ghar-risposta taghha ghar-rikors promotorju kif ukoll ghall-atti kollha processwali u dan biex turi l-infondatezza ta’ dak li qieghed jillanja mieghu l-appellant.

Is-sottomissjonijiet ta’ l-appellant, isostnu l-appellati “huma msejsin fuq kongetturi u spekulazzjoni bla ebda hjiel ta’ fondament f’xi prova prodotta”. Anki t-talba ghal fini ta’ rekuza sehhet ferm wara li graw l-incidenti msemmijin mill-appellant fi sforz li juri li jezisti nuqqas ta’ imparzjalita` oggettiva ta’ l-Imhallef li qed jippresjedi fil-guri. Fost ohrajn, l-appellati jirreferu ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-25 ta’ Jannar, 2001, li rrespingiet l-appell ta’ l-odjern appellant dwar ir-rikuza u fejn giet ikkonfermata s-sentenza appellata. Il-percezzjonijiet ta’ l-akkuzat m’humiex bizzejjed. Dak li hu determinanti hu jekk jezistux cirkostanzi oggettivi li jirrendu dawk il-percezzjonijiet gustifikati. Ir-rikorrenti ma jindika ebda cirkostanzi negattivi tali, pero` xorta wahda “jippretendi li l-Qorti ghandha toqghod biss fuq il-kongetturi u konkluzjonijiet bla bazi tieghu.” L-ahhar pozizzjoni tal-Qorti Ewropea dwar il-Konvenzjoni hija dik illi “biex decizjonijiet pre-processwali jistghu jaghtu lok ghal apprensjoni dwar l-imparzjalita` tal-gudikant dawk id-decizjonijiet jridu jkunu tali li jinvolvu apprezzament, u mhux prima facie dwar il-htija ta’ l-akkuzat ghar-reat addebitat lilu.”

14. Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti bdiet billi ghamlet riassunt konciz imma komprensiv tad-diversi punti ta’ dritt u ta’ fatt li gew sottomessi ghall-konsiderazzjoni taghha min-naha ta’ l-appellant. Imbaghad abbinat dawn is-sottomissjonijiet ma’ l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikkolu 6(1) tal-Kap. 319 u gustament ikkostatat li d-drittijiet fundamentali sanciti b’dawn l-artikoli jinvolvu fl-ewwel lok illi fi proceduri kriminali ghandu jkun hemm smiegh xieraq, imparzjali u pubbliku quddiem qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali.

15. Dwar l-ewwel ilment ta’ l-appellant fir-rigward ta’ nuqqas ta’ imparzjalita` da parti ta’ l-Imhallef li qed jippresjedi fil-guri tieghu, tajjeb li jigi rilevat li l-ewwel Qorti qalet bic-car li ilmenti dwar allegazzjonijiet ta’ din ix-xorta generalment ikunu jirreferu ghal proceduri kriminali gja` decizi u mhux meta ghadhom pendenti. “Generalment” ma tfissirx u ma tista’ tekwivali qatt ghal “esklussivament”

jew xi haga simili. Fi kliem iehor, l-ewwel Qorti halliet miftuha wkoll il-possibilita`, imqar jekk eccezzjonalment, li jista` jkun hemm ksur tal-ligijiet invokati mill-appellanti anki meta l-proceduri jkunu ghandhom mexjin. Fejn invece kienet kategorika l-ewwel Qorti kien meta kkostatat u esprimiet il-fehma taghha illi:-
“ir-rikorrenti bl-<u>ebda mod</u> ma pprova li hemm xi imparzjalita` soggettiva jew oggettiva da parti ta’ l-imsemmi Imhallef li ser jippresjedi l-guri. Hu principju fundamentali u kardinali li f’guri d-decizjoni dwar htija o meno ta’ l-imputat hi kwistjoni li tigi deciza biss mill-gurati”.

Din hi kwistjoni li tispetta u li tinkombi fuq il-gurati, qalet l-ewwel Qorti. L-Imhallef li jkun qed jippresjedi l-guri ma jidholx f’din id-decizjoni, irriteniet l-Ewwel Qorti.

L-appellant jaqsam l-argument tieghu dwar nuqqas ta’ imparzjalita` tal-gudikant u konsegwentement nuqqas ta’ smiegh xieraq, billi jsemmi fatti li gia` sehhew u ohrajn li qieghed jissuggerixxi jew jipotizza li sejrin necessarjament jigru. Bil-fatt li l-istess Imhallef Vincent De Gaetano gia` kkonduca u ddecieda l-guri ta’ Ian Farrugia u dak ta’ Carmel Attard, akkuzati ta’ komplicita` fl-istess delitt, ifisser li “l-Qorti Kriminali kif presjeduta mill-Imhallef De Gaetano semghet, evalwat u ffurmat impressjoni mhux biss fuq il-mertu ta’ dik ix-xhieda izda anke fuq il-kredibilita` tax-xhieda migjuba quddiemha fil-process ta’ Attard u Farrugia”. Din ix-xhieda semmiet lill-appellant Meinrad Calleja u tefghet htija fuqu “b’mod li din l-istess Qorti issa sejra tmexxi l-processi (sic) ta’ l-esponenti fuq l-istess xhieda u mertu stante li l-kaz tal-prosekuzzjoni huwa bbazat fuq l-istess xhieda”. Inoltre, isostni l-appellant, l-istess Qorti u gudikant gia` ppartecipaw diversi drabi qabel fil-process tieghu meta gew ezaminati numru ta’ talbiet imressqa b’rikorsi dwar il-liberta` provvizorja u r-rikuza ta’ l-Imhallef.

16. Bilkemm ghandu bzonn jinghad li kull akkuzat fi proceduri kriminali jitqies li, ghal dak li jikkoncerna lilu, huwa jghaddi minn process indipendenti u distint minn process li jkun sar jew qed isir kontra haddiehor, imqar jekk fl-istess process ikun hemm izjed minn akkuzat

wiehed u x-xhieda jkunu l-istess ghal kollha. Multo magis allura dan il-principju bazilari jghodd fil-kaz fejn persuna tigi akkuzata u mghoddija process ghalija wahidha u fi process separat minn dak ta' akkuzati ohrajn, ankorke` jkun hemm allegazzjoni ta' komplicita` fir-reat. Minbarra dan, huwa wkoll maghruf li fis-sistema patriju fi process kriminali li jsir b'guri, dak li jiddeciedi dwar il-fatti tal-kaz m'huwiex l-Imhallef togat li jippresjedi fil-guri imma huma invece l-gurati. Jinghad ukoll li provvedimenti, digrieti u anke sentenzi preliminari bhax-xorta msemmijin mill-appellant fir-rikors ta' appell tieghu, jigifieri dawk referibbli ghall-ghoti jew cahda tal-liberta` provvizorja jew jekk ghandux jigi rikuzat jew le l-Imhallef sedenti, ma jammontawx ghal decizjonijiet dwar il-meritu tal-kaz.

17. Mis-suespost ghandu allura jsegwi li bil-fatt biss li l-istess Imhallef li jkun sema' x-xhieda, ikkonduca u ddecieda gurijiet relativi ghall-akkuzati f'kaz jew kazi li jkunu konnessi ma' akkuzi jew delitti dedotti kontra haddiehor, ma jfissirx ukoll b'daqshekk li dak l-Imhallef ma baqax u ma jistax jibqa' aktar jitqies li huwa imparzjali jew illi dak il-haddiehor mhux ser jinghata smiegh xieraq. Dan ghaliex kulma jkun sema' u ddecieda dwaru l-Imhallef ikun jirreferi u cirkoskritt biss ghall-persuna li tkun giet akkuzata quddiemu u li jkollha l-process ghaddej. Anki jekk ix-xhieda li jkunu telghu jixhdu f'dak il-process ikunu l-istess xhieda li jingiebu kontra akkuzat iehor ma jfissirx li b'daqshekk il-gudikant li jkun sema' l-istess xhieda u ddecieda kaz partikolari, tilef l-imparzjalita` tieghu b'mod li jigi prekluz milli jghaddi biex jippresjedi fuq guri ta' haddiehor in konnessjoni ma' l-istess fatti tad-delitt. Fic-cirkostanzi ghalhekk, dak li qieghed jipotizza l-appellant jew huwa legalment skorrett jew inkella huwa bbazati fuq mera kongettura minghajr il-bazi ta' prova konkreta. M'hemm xejn fl-operat ta' l-Imhallef in kwistjoni li huwa irregolari jew legalment skorrett. Il-Qorti ghalhekk assolutament ma tirraviza ebda vjolazzjoni ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Fir-rigward imbaghad ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, din il-Qorti ezaminat diversi decizjonijiet *in subjecta materia* li nghataw tul is-snin mill-Qorti Ewropea ta' Strasbourg. Fl-ewwel lok jigi rilevat li wiehed irid

joqghod ferm attent ghall-fatt li minn kaz ghal iehor il-fattispecji ta' kull kaz ikunu differenti minn xulxin. Per ezempju fil-kaz DeCubber v. Belgium (1948), il-fatti kienu marbutin mac-cirkostanza li wiehed mit-tlett Imhallfin involuti fil-process ta' l-akkuzat kien gia` serva bhala "investigating judge" fl-istess kaz. Ghalkemm il-Qorti Ewropea finalment iddecidiet favur l-applikant, xorta wahda rriteniet li l-fatturi migjuba ghall-konsiderazzjoni taghha ma kenux decizivi. Huma veru li fost il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti kien hemm xi whud minn dawk l-aspetti msemmijin fis-sottomissjonijiet ta' l-appellant. Per ezempju, il-fatt li Imhallef ikun iffamiljarizza ruhu mad-dettalji tal-kaz, il-biza li l-akkuzat ikollu l-gudikant ikun ifforma gia` opinjoni fuq il-htija o meno tieghu, li l-Imhallef jista' jinfluwixxi oltre l-limiti konsentiti fuq l-andament tal-process. Pero` dan kollu gie meqjus fl-ambitu tal-fatt li dak il-gudikant kien gia` serva bhala "*investigating judge*". Anzi, dik is-sentenza ssemmi wkoll li kien sahansitra jirrizultalha illi parti mill-operat ta' Imhallef investigatur kien jikkonsisti f'hidma sigrieta, li fuqha ovvjament l-akkuzat ma kellu ebda kontroll. Ghalhekk dak il-kaz ma jattaljax tajjeb ghall-fini ta' l-appell in ezami. F'Hauschildt v. Denmark (1989), il-Qorti Ewropea kellha mill-gdid l-okkazjoni li telabora l-fehmiet taghha in materja. F'dan il-kaz, hija rriteniet illi l-fatt biss li Imhallef kien ta decizjonijiet ta' natura preliminari f'kaz kriminali, inkluzi decizjonijiet dwar il-kustodja ta' l-akkuzat, ma kenux bizzejjed biex, a tenur ta' l-Artikolu 6, jimpedixxu lil dak il-gudikant milli jippresjedi fil-kawza. Din il-linja giet ikkonfermata f'decizjoni sussegwenti moghtija mill-istess Qorti jigifieri dik fl-ismijiet Nortier v. The Netherlands (1993), fejn gie ritenut illi;

*"The mere fact that (a judge) made pre-trial decisions ... cannot be taken as in itself justifying fears as to his impartiality; what matters is the scope and nature of these decisions."*

Hemm ukoll decizjoni ohra tal-Qorti Ewropeja f'kaz li origina wkoll minn Malta fl-ismijiet: Lawrence Pullicino v. Malta (2000), fejn dik il-Qorti osservat car u tond hekk,

*"The Court observes that the judge who presided at the applicant's trial revoked his bail in the days preceding the*

*trial. The Court is not persuaded by the applicant's assertion that the nature of that decision shaped the judge's view about his credibility and honesty as a witness in the trial proceedings. It notes that the issue determined by the judge in the bail revocation proceedings was whether or not he had broken the conditions of his bail by approaching a prosecution witness. That issue was entirely distinct from the question of his guilt or innocence of the criminal charges brought against him. The determination of that question ultimately lay in the hands of the jurors."*

18. Tajjeb ukoll li jigi rilevat li ezami tad-decizjonijiet moghtijin mill-Qorti Ewropea mhux biss urew certu zvilupp mal-milja tas-snin imma wkoll li mhux dejjem kien hemm konsistenza f'dak li gie deciz – apparti l-konsiderazzjoni gia` msemmija li minn kaz ghal iehor il-fatti ma jkunux dejjem l-istess. Kif jikkummentaw l-awturi, Janis, Kay u Bradley (ara "European Human Rights Law – Texts and Materials" OUP, 1995 p. 409),
"*In its various cases examining the impartiality of a tribunal, the Court has not been entirely consistent in its formulation of the proper standard for deciding whether or not a decision-maker met the required level of 'objective impartiality."*

19. Hemm decizjonijiet ohrajn imbaghad li jkomplu jimmilitaw kontra t-tezi ta' l-appellant Calleja dwar nuqqas ta' imparzjalita` ghar-ragunijiet imsemmijin minnu. Fl-istudju taghhom migbur fil-ktieb intiolat "*The Law of Human Rights*" (OUP, p.657), l-awturi R. Clayton u H. Tomlinson jelaboraw hekk,
*"In criminal cases, a judge will not necessarily be partial because he has made pre-trial decisions. It is necessary to consider the nature and the extent of such decisions* (<u>Fly v. Austria,</u> 1993, EHHR).

*There is likely to be a 'legitimate doubt' about impartiality where the judge's previous involvement in the care might have facilitated the formation of a considered opinion as to the guilt of the applicant. This is most likely to occur where the pre-trial decisions were made in the context of*

*investigation or prosecution of the case (Decubber v. Belguim, 1984 EHHR), whereas, in cases in which pre-trial involvement relates to the usual ancillary matters such as bail applications, there will be no breach unless some special circumstances are established (*Saint-Marie v. France, 1992, EHHR). *A court will not be partial because it hears cases involving different parties arising out of the same set of facts* (Gillow v. United Kingdom, 1986, EHHR) or two different cases involving the same accused (Schmid v. Austria, 1987 u Brown v. United Kingdom, 1985, EHHR)."

20. Mhux bizzejjed ghall-appellant li jissottometti li ghandu l-biza' li bl-involviment ta' l-istess Imhallef f'gurijiet ohrajn u b'dak li gia` ddecieda fil-kaz tieghu sa issa, huwa se jigi ggudikat minn Imhallef b'fehmiet gia` mehudin u allura ser jigi rinfaccjat b'nuqqas ta' imparzjalita`. Dan il-biza irid ikun tabilhaqq gustifikat oggettivament. F'decizjoni moghtija fl-1993 mill-House of Lords tar-Renju Unit f'R. v. Gough (A.C. 646) gie ritenut li kif tajjeb kien intqal minn Lord Goff fid-decizjoni tieghu, it-test li jrid isir huwa
*"whether, having regard to (the relevant) circumstances; there was a real danger of bias on the part of the relevant member of the tribunal in question, in the sense that he might unfairly regard (or have unfairly regarded) with favour or disfavour, the case of a party to the issue under consideration before him".*

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-ebda wiehed mid-diversi fatti li graw jew li qeghdin jigu ipotezzati ex parte minn naha ta' l-appellanti ma huwa tali li jista' jwassal biex jigi favorevolment akkolt l-aggravju ta' l-appellant taht dana l-aspett.

21. L-aggravju l-iehor imressaq mill-appellant hu li bil-pubblicita` esagerata u avversa li nghata l-kaz ta' Meinrad Calleja fil-"media" lokali huwa mhux ser ikollu imparzjalita` fil-process tieghu minn naha tal-gurati. L-appellant jissottometti li l-"*media coverage"* moghti lilu u lill-process li jinsab ghaddej minnu mhux biss kien wiehed "feroci minhabba li kien il-miri tal-gurnalisti u kittieba ohra fil-

gazzetta li ghazlu jiktbu fuqu u l-kaz tieghu, izda dan mar oltre dak il-bilanc li tippermetti l-ligi bejn il-liberta` ta' l-espressjoni u d-dritt ta' smiegh xieraq meta sahansitra gew pubblicizzati wkoll intervisti ma' persunaggi gholja fix-xena politika partiggjana u dan il-fatti kien jirrendi "impossibbli li huwa (i.e. l-appellant) jinghata smiegh xieraq u imparzjali meta l-gurati votanti ta' wiehed mill-partiti politici sejrin ikunu jipprocessawh". Multo magis, isostni l-appellant, f'kuntest Malti fejn il-politika tinghata "importanza qawwija" billi hija segwita hafna mill-poplu.

22. Min-naha l-ohra, l-appellati jissottomettu li huma ma jistghux jifhmu kif f'dan l-istadju li tinsab fih il-procedura "jista' jigi ravvizat xi raguni oggettiva fil-komportament tal-gurija li taghti lok ghal thassib li mhux ser tkun imparzjali meta l-gurija ghadha ma gietx komposta u ghad ma hemm ebda hjiel dwar kif ser tkun komposta". Huma ghamlu enfasi partikolari in materja lejn id-decizjoni Pullicino vs Malta moghtija mill-Qorti Ewropea, gia` imsemmija aktar 'il fuq, li dahlet ukoll fuq dan il-punt u spiccat biex cahdet ilment simili maghmul mill-appellant Pullicino.

23. Dwar dan it-tieni u l-ahhar aggravju ta' l-appellant, din il-Qorti hija tal-fehma li, tenut kont tal-fatt li Malta huwa pajjiz hieles u demokratiku, il-liberta` ta' l-istampa u tax-xandir mhux biss jikkostitwixxi dritt fondamentali mnaqqax fil-Kostituzzjoni taghna imma dan id-dritt jinsab imqieghed fil-prattika ghaliex il-"*media*" u l-gurnalizmu lokali huwa qasam haj u attiv ferm. Il-Qorti hadet l-izbriga li tezamina l-artikli minn gurnali lokali u l-materjal l-iehor li gie esebit mill-appellant u hija tal-fehma li ghalkemm il-kitbiet u l-istqarrijiet li saru dwar il-kaz u l-kazijiet l-ohra relatati mieghu huma akkaniti u kkargati sew, xorta wahda ma jidhrilhiex li hemm il-prova li b'daqstant il-gurati – li sal-lum ghadhom lanqas biss intghazlu – gew ippregudikati irremedjabilment. Dan apparti konsiderazzjonijiet ohrajn li wiehed irid iqis, imsemmijin fis-sentenza appellata, bhalma hija d-direzzjoni li doverozament l-Imhallef li jkun qieghed jippresjedi l-guri jrid jaghti lill-gurati, bhala l-Imhallfin tal-fatti, fosthom dik li huma ghandhom jiskartaw u jwarrbu dak kollu li seta' inkiteb jew intqal fil-"media" u

barra mill-Qorti dwar il-kaz. Fil-Kaz Pullicino, dan l-ilment ukoll gie investit mill-Qorti Ewropea ta' Strasbourg imma tajjeb li jigi osservat li r-rikorrent f'dak il-kaz kien adduca l-aggravju tieghu wara li kien celebrat il-guri u mhux qabel kif qieghed jaghmel l-odjern l-appellant. Huwa veru li l-Qorti Ewropea ghamiltha cara li attakki bil-medja kontra l-akkuzat li jkunu ta' natura "virulenti" kellhom jitqiesu bhala li huma inaccettabli f'kuntest ta' imparzjalita` u ta' smiegh xieraq imma fl-istess waqt dik il-Qorti ghamlitha cara wkoll li l-Qrati ma jistghux u m'ghandhomx jistennew li joperaw "in vacuo". Fi kliem iehor, f'kaz fejn l-interess pubbliku jkun qawwi, wiehed ghandu jistenna li l-"*media*" u l-gurnalisti jiktbu u jikkummentaw dwaru b'mod estensiv.

24. Jigi osservat inoltre li ghalkemm l-appellant jissemma' sew fid-diversi artikli gurnalistici esebiti minnu, f'hafna minnhom, proprjament m'huwiex hu l-mira ewlenija ta' l-attakki imma persuna politika partikolari. Xi whud mill-artikli lanqas biss jirreferu ghall-process li prezentament inbeda fil-konfront ta' l-appellant imma jirreferu jew ghall-kaz precedenti jew kazi kontra terzi. Pubblicita` fuq dawn il-processi li diga` saru hija inevidabbli. L-ewwel process dwar l-appellant li dwaru saret il-kitba kien gie deciz mill-Qorti Kriminali fl-4 ta' April, 2001, u kien jirreferi ghal traffikar ta' droga. Il-kaz in esami huwa iehor u l-att ta' l-akkuza mahrug fil-15 ta' Mejju 1996, kien gie appuntat ghas-smiegh ghal Novembru, 2001. Sal-lum pero` dan il-guri ghadu pendenti u l-gurati ghadhom lanqas gew maghzula. Certament, id-dewmien fl-inizjar tal-guri ma jistax ma jtaffix ferm l-impatt tal-pubblicita` li minnha jillamenta l-appellant, inkluza dik li fiha ppartecipaw xi awtoritajiet pubblici. Fil-fehma tal-Qorti l-aggravju ta' l-appellant dwar il-pubblicita` lamentata minnu, mhux biss mhux sorrett mill-provi imma hu wiehed ghal kollox fic-cirkostanzi, infondat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddecedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata kif moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, tichad l-appell tar-rikorrenti Meinrad Calleja. L-ispejjez relativi ghall-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-Qorti ta' l-ewwel grad, dawk quddiem din il-Qorti ikunu interament a karigu ta' l-appellant.

--------------------------------TMIEM--------------------------------